MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2001

Talba Numru. 1431/2001/1

**Veronica Degiorgio**

**Vs**

**Charlot Barbara**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-attrici talbet li l-konvenuta ghandha thallas mhux izjed minn Lm600.00c (sitt mitt lira Maltin) rapprezentanti danni wara incident ta' traffiku.

Ra r-risposta fejn il-konvenut irrisponda li ma kienx responsabbli ghal incident.

Sema' x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

Sema' t-trattazzjoni.

Ikkunsidra li l-konvenut kien hiereg minn stop sign fil-waqt li l-attrici kienet qieghda issuq fi triq Cuschieri.

Is-soltu Triq Cuschieri hija one way izda dak in-nhar l-attrici kienet ghaddejja f'dik it-triq fid-direzzjoni opposta ghal one way.

Skond l-attrici dan kien ghaliex inbidlu s-sinjali tat-traffiku minhabba xoghol li kien qed isir f'dawk l-inhawi.

Illi ma hemmx dubju li l-konvenut kellu jieqaf fuq l-istop sign u jassikura li jista' johrog minghajr ma jostakola t-traffiku.

Illi fil-waqt li l-konvenut jghid li mhux minnu li inbidlu s-sinjali tat-traffiku l-attrici u x-xhieda prodotta minnha jikkonfermaw li dak in-nhar l-attrici setghet tghaddi minn hemm.
Illi hemm diversi sentenzi li jikkonfermaw li persuna li qieghda tohrog fuq main road ghandha zzomm a proper lookout u jezamina t-triq tajjeb fuq iz-zewg nahat. (ara per ezempju Xerri vs. Zerafa – Deciza 26/2/1991 mill-Prim 'Awla tal-Qorti Civili). Fil-kawza Mallia vs. Azzopardi PA 27 ta' Frar 1990 l-Qorti kkonkluda li dak li ghandu stop sign ghandu jieqaf u "qabel ma jibda jerga jsuq jrid ikun cert li l-manuvra tieghu jista jaghmilha minghajr ebda xkiel ghal dawk li qeghdin jsuqu fit-triq principali, fiz-zewg karreggjati". Skond ir-rapport tal-Pulizija l-konvenut hares biss fuq ix-xellug tieghu. Il-konvenut kellu l-obbligu li jhares fuq iz-zewg nahat tat-triq.

Ghaldaqstant il-konvenut kien unikament responsabbli ghal incident.

Illi dwar id-danni gew esebiti :

| | |
|---|---|
| Spare parts | Lm226.80 |
| Survey | Lm11.50 |
| Spray | Lm140.00 |
| Labour | Lm115.00 |
| Total dovut | Lm492.50 |

Id-danni jidhru ragjonevoli u ma gewx ikkontestati.

Ghaldaqstant jiddikjara l-konvenut unikament responsabbli ghal incident in kwistjoni; jillikwida d-danni fl-ammont ta’ Lm492.50c (erba’ mija u tnejn u disghin lira Maltin u hamsin centezmu) u jordna lil konvenut ihallas lil attrici dan l-ammont ta’ Lm492.50c (erba’ mija u tnejn u disghin lira Maltin u hamsin centezmu) bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tas-sentenza.

--------------------------------TMIEM--------------------------------